



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12121/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0191 (NLE)

WTO 234

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni li testendi deroga tad-WTO li tippermetti lill-pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali għal prodotti tal-pajjiżi l-anqas żviluppati

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ
dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni li testendi deroga tad-WTO
li tippermetti lill-pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw jipprovdu trattament tariffarju
preferenzjali għal prodotti tal-pajjiżi l-anqas żviluppati**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerè (il-“Ftehim tad-WTO”) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.
- (2) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu II tal-Ftehim tad-WTO jistipula li l-ftehimiet u l-istrumenti legali assoċjati inklużi fl-Annessi 1, 2 u 3 għall-Ftehim tad-WTO (“Ftehimiet Kummerċjali Multilaterali”) huma partijiet integrali tal-Ftehim tad-WTO, u huma vinkolanti fuq il-Membri kollha.
- (3) Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-Konferenza Ministerjali tista' tiddeċiedi li tidderoga minn obbligu impost fuq Membru mill-Ftehim tad-WTO jew minn kwalunkwe Ftehim Kummerċjali Multilaterali.
- (4) Il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO stabbilixxew il-proċeduri għall-għoti ta' derogi fir-rigward tal-Ftehimiet Kummerċjali Multilaterali fl-Anness 1A, 1B jew 1C għall-Ftehim tad-WTO u l-annessi tagħhom.
- (5) Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, il-Konferenza Ministerjali għandha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt kwalunkwe Ftehim Kummerċjali Multilaterali.

- (6) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, fl-intervalli bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-“WTO”), il-Kunsill Ġenerali tad-WTO jwettaq il-funzjonijiet tagħha. Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, id-WTO normalment tiegħu d-deċiżjonijiet b’kunsens.
- (7) Fil-15 ta’ Ġunju 1999, il-Membri tad-WTO taw deroga mill-obbligi taħt il-paragrafu 1 tal-Artikolu I tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 ("GATT 1994") b’mod li l-pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw jagħtu trattament tariffarju preferenzjali għal prodotti tal-pajjiżi l-anqas żviluppati, li jkunu definiti bħala tali min-Nazzjonijiet Uniti, mingħajr il-bżonn tal-estensjoni tal-istess rati tariffarji għal prodotti simili ta’ kwalunkwe Membru ieħor sat-30 ta’ Ġunju 2009. Fis-27 ta’ Mejju 2009, il-Membri tad-WTO estendew id-deroga mill-1 ta’ Lulju 2009 sat-30 ta’ Ġunju 2019.
- (8) Skont il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, iċ-Ċili, iċ-Ċina, l-Indja, it-Tajlandja u t-Turkija (“kosponsors”) ressqu talba biex il-Kunsill Ġenerali jieħu deċiżjoni li jestendi d-deroga eżistenti tad-WTO sabiex il-pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw ikunu jistgħu jagħtu trattament tariffarju preferenzjali lil prodotti tal-pajjiżi l-anqas żviluppati mill-1 ta’ Lulju 2019 sat-30 ta’ Ġunju 2029.

- (9) Il-kosponsors jiġġustifikaw it-talba billi jirreferu għall-vulnerabbiltà partikolari tal-pajjiżi l-anqas żviluppati u għad-diffikultajiet strutturali speċjali li jħabbtu wiċċhom magħhom fl-ekonomija globali, kif ukoll l-importanza li titjeb il-parteċipazzjoni effettiva fis-sistema kummerċjali multilaterali billi jagħtuhom aċċess sinifikanti għas-suq sabiex tiġi appoġġata d-diversifikazzjoni tal-bażi tal-produzzjoni u tal-esportazzjoni tagħhom.
- (10) L-estensjoni tad-deroga la taffettwa b'mod negattiv l-ekonomija tal-Unjoni u lanqas ma taffettwa r-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni mal-benefiċjarji tad-deroga. Barra minn hekk, l-Unjoni tagħti aċċess għas-suq mingħajr dazji u mingħajr kwoti lill-pajjiżi l-anqas żviluppati taħt l-iskema ta' Kollox Ħlief l-Armi u hija favur li Membri oħrajn tad-WTO wkoll jipprovdu preferenzi kummerċjali lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.
- (11) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO biex jingħata appoġġ lit-talba tal-kosponsors li jestendu d-deroga li tippermetti lill-pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali għal prodotti tal-pajjiżi l-anqas żviluppati sat-30 ta' Ġunju 2029, b'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE, billi l-estensjoni tad-deroga ser tkun vinkolanti fuq il-Membri tad-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għandha tkun li jingħata appoġġ għad-deroga tad-WTO li tippermetti lill-pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali għal prodotti tal-pajjiżi l-anqas żviluppati mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2029.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
